IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 30.11.2021
JOIN(2021) 33 final/2

2021/0408 (NLE)

DOWNGRADED ON 20.5.2022

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 30.11.2021
JOIN(2021) 33 final

2021/0408 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1770 jagħti effett lid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/1775/PESK u jipprevedi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta’ ċerti persuni ddeżinjati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (il-“Kunsill tas-Sigurtà”) jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti rilevanti bħala responsabbli, kompliċi, jew li kienu involuti, direttament jew indirettament, f'azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Mali.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/XXX tistabbilixxi kriterji għal elenkar awtonomu tal-Unjoni.

(3) Għaldaqstant, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex tingħata effett lid-Deċiżjoni (PESK) 2021/XXX, partikolarment bl-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2017/1770 jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih.

2021/0408 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali[1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1770[2] jagħti effett lid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/1775/PESK u jipprevedi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta’ ċerti persuni ddeżinjati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (il-“Kunsill tas-Sigurtà”) jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti rilevanti bħala responsabbli, kompliċi, jew li kienu involuti, direttament jew indirettament, f'azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Mali.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/XXX tistabbilixxi kriterji għal elenkar awtonomu tal-Unjoni.

(3) Għaldaqstant, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex tingħata effett lid-Deċiżjoni (PESK) 2021/XXX, partikolarment bl-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2017/1770 jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 2017/1770 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

[1] ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1770 tat-28 ta’ Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali (ĠU L 251, 29.9.2017, p. 1).

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, jew li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll, b'mod dirett jew indirett, ta' xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I jew fl-Anness Ia, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I jew fl-Anness Ia, jew għal benefiċċju tagħhom."

(2) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 2a

1. L-Anness I għandu jinkludi persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi identifikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala:

(a) involuti f'ostilitajiet bi ksur tal-Ftehim dwar il-Paċi u Rikonċiljazzjoni fil-Mali (il-"Ftehim");

(b) li jieħdu azzjonijiet li jfixklu, jew li jfixklu għax idewmu għal żmien mhux dovut, jew li jipperikolaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(c) li jaġixxu għal jew f'isem, jew taħt id-direzzjoni ta', jew li b'xi mod ieħor jappoġġjaw jew jiffinanzjaw individwi u entitajiet identifikati fil-punti (a) u (b), inkluż permezz tar-rikavat mill-kriminalità organizzata, inkluż il-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi narkotiċi u l-prekursuri tagħhom li joriġinaw fil-Mali jew li jkunu fi tranżitu minnu, it-traffikar ta' persuni u l-kuntrabandu tal-migranti, il-kuntrabandu u t-traffikar ta' armamenti kif ukoll it-traffikar tal-proprjetà kulturali;

(d) li huma involuti fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorizzazzjoni jew it-tmexxija ta' attakki kontra:

(i) id-diversi entitajiet li ssir referenza għalihom fil-Ftehim, inkluż istituzzjonijiet lokali, reġjonali, u tal-istat, pattulji konġunti u l-forzi tas-Sigurtà u d-Difiża tal-Mali;

(ii) il-forza taż-żamma tal-paċi tal-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni Integrata Multidimensjonali tan-Nazzjonijiet Uniti (MINUSMA) kif ukoll persunal assoċjat ieħor tan-NU, inklużi membri tal-Grupp ta' Esperti;

(iii) il-preżenzi tas-sigurtà internazzjonali, inkluża l-Force Conjointe des Etats du G5 Sahel (FC-G5S), il-Missjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-forzi Franċiżi;

(e) li jostakolaw l-għoti ta' għajnuna umanitarja lill-Mali, jew l-aċċess jew id-distribuzzjoni fir-rigward tal-għajnuna umanitarja fil-Mali;

(f) li jippjanaw, jidderieġu jew iwettqu atti fil-Mali li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew id-dritt umanitarju internazzjonali, kif applikabbli, jew li jikkostitwixxu abbużi jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk li jinvolvu l-immirar lejn persuni ċivili, inklużi nisa u tfal, permezz tat-twettiq ta' atti ta' vjolenza (inkluż qtil, immankar, tortura, jew stupru jew vjolenza sesswali oħra), ħtif, għajbien furzat, spostament furzat jew attakki kontra skejjel, sptarijiet, siti reliġjużi jew postijiet fejn persuni ċivili jkunu qegħdin ifittxu kenn;

(g) li jużaw jew jirreklutaw tfal minn gruppi armati jew mill-forzi armati bi ksur tad-dritt internazzjonali applikabbli, fil-kuntest tal-kunflitt armat fil-Mali;

(h) li jiffaċilitaw, b'mod intenzjonali, l-ivvjaġġar ta' persuna elenkata bi ksur tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar.

2. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni, entitajiet u korpi kkonċernati.

3. L-Anness I għandu jinkludi wkoll, meta jkun disponibbli, informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi ikkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaporti u tal-karti tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 2b

1. L-Anness Ia għandu jinkludi l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi identifikati mill-Kunsill għal kwalunkwe raġuni minn dawn:

(a) ikunu responsabbli jew kompliċi, jew involuti, direttament jew indirettament, fl-azzjonijiet jew il-politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tal-Mali, [inklużi dawk l-azzjonijiet jew politiki msemmijin fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 1] jew

(b) jostakolaw jew jimminaw l-ikkompletar tat-transizzjoni politika tagħha, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw it-twettiq ta' elezzjonijiet jew it-trasferiment tas-setgħa lill-awtoritajiet eletti jew

(c) ikunu assoċjati ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fil-punti (a) u (b).

2. L-Anness Ia għandu jinkludi r-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista tal-persuni u l-entitajiet imsemmijin fih.

3. L-Anness Ia għandu jinkludi wkoll, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, inklużi psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju."

(3) L-Artikolu 3, il-paragrafu 1, l-ittra (a) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(a) neċessarji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi elenkati fl-Anness I jew fl-Anness Ia, u tal-membri dipendenti tal-familji ta' dawn il-persuni fiżiċi, inklużi ħlas għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u spejjeż ta' servizzi pubbliċi;"

(4) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, l-ittra (c) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(c) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti għal servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; u

(5) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"meta l-awtorizzazzjoni tkun tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness I sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tkun innotifikat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet dwar dik il-konstatazzjoni u dwar il-ħsieb tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn din in-notifika."

(6) fl-Artikolu 3, il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkun

iddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm:

(a) meta l-awtorizzazzjoni tkun tikkonċerna persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I, dik il-konstatazzjoni tkun ġiet notifikata lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni tkun ġiet approvata minn dak il-Kumitat; u

(b) meta l-awtorizzazzjoni tkun tikkonċerna persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness Ia, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għaliex iqis li jenħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-anqas ġimagħtejn qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 2, fir-rigward ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità u korp elenkati fl-Anness I, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, dment li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina, skont il-każ, li tali deroga tiffaċilita l-objettivi ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali fil-Mali u l-istabbiltà fir-reġjun.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni."

(7) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 3a

1. B'deroga mill-Artikolu 2, u fir-rigward ta' persuna, entità u korp elenkati fl-Anness Ia, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-provvista ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi hija neċessarja għal skopijiet umanitarji, bħall-għoti jew il-faċilitazzjoni tal-għoti ta' assistenza, inkluż provvisti mediċinali, ikel jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet mill-Mali.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 3b

1. B'deroga mill-Artikolu 2, u fir-rigward ta' persuna, entità u korp elenkati fl-Anness Ia, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, bil-kundizzjonijiet li jqisu li jkunu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jridu jitħallsu ġo kont jew minn kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali, sakemm dawn il-ħlasijiet ikunu maħsuba biex jintużaw għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni."

(8) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I jew l-Anness Ia, jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I jew l-Anness Ia jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta':

(i) għal persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I, deċiżjoni ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel id-data ta’ meta l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 2a ġie inkluż fl-Anness I, jew ta' garanzija ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(ii) għal persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness Ia, deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data ta’ meta l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 2b ġew inklużi fl-Anness Ia, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu se jintużaw esklussivament biex jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet iggarantiti minn deċiżjoni msemmija fil-punt (a) jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni jew garanzija ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I jew l-Anness Ia;

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni jew tal-garanzija ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat; u

(e) għal persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat mill-Istat Membru bid-deċiżjoni jew bil-garanzija.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”

(9) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1) u bil-kundizzjoni li pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I jew fl-Anness Ia jkun dovut skont kuntratt jew ftehim li ġie konkluż minn, jew obbligu li rriżulta għall-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernat, qabel id-data ta' meta dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp iddaħħlu fl-Anness I, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu adattati, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew ta' riżorsi ekonomiċi, dejjem jekk l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għal pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I jew l-Anness Ia; u,

(b) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 2(2).

2. Għal persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I, l-intenzjoni li tingħata awtorizzazzjoni għandha tiġi nnotifikata mill-Istat Membru rilevanti lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet 10 ijiem tax-xogħol bil-quddiem.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”

(10) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda ma’ kontijiet iffriżati ta’:

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data ta’ meta l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 2 jkunu ġew inklużi fl-Anness I jew fl-Anness Ia; jew

(c) pagamenti dovuti lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness Ia skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fl-UE jew eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li kull tali imgħax, dħul ieħor u pagamenti jkunu ffriżati skont l-Artikolu 2.”

(11) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 6 a

1. Persuni fiżiċi kif elenkati fl-Anness I jew fl-Anness Ia ma għandhomx jitħallew jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru, jew jgħaddu mit-territorju ta’ Stat Membru.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru jirrifjuta d-dħul fit-territorju tiegħu taċ-ċittadini tiegħu stess.

Artikolu 6b

1. L-Artikolu 6a ma għandux japplika għad-dħul fit-territorju ta’ Stat Membru jew għat-tranżitu mit-territorju ta’ Stat Membru tal-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness Ia sakemm:

(a) tali dħul jew tranżitu jkun meħtieġ minn obbligu tad-dritt internazzjonali li jorbot lill-Istat Membru ikkonċernati:

(i) bħala pajjiż ospitanti ta' organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(ii) bħala pajjiż ospitanti ta' konferenza internazzjonali mlaqqa' min-Nazzjonijiet Uniti, jew taħt il-patroċinju tagħha;

(iii) taħt ftehim multilaterali li jagħti privileġġi u immunitajiet; jew

(iv) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

(b) l-Istat Membru huwa l-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe eżenzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

3. Eżenzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu għandha tkun strettament limitata għall-iskop li tingħata għalih u għall-persuni fiżiċi direttament ikkonċernati minnha.

Artikolu 6c

1. B’deroga mill-Artikolu 6a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, id-dħul fit-territorju ta’ Stat Membru jew it-tranżitu mit-

territorju ta’ Stat Membru tal-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness I u fl-Anness Ia dment li tali dħul jew tranżitu jkun:

(a) fil-każ ta’ persuni fiżiċi elenkati fl-Anness I, u abbażi ta’ determinazzjoni skont il-każ mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet: iġġustifikat għal raġunijiet ta’ bżonn umanitarju urġenti, inkluż l-obbligu reliġjuż jew meta eżenzjoni tiffaċilita l-objettivi ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali fil-Mali u l-istabbiltà fir-reġjun;

(b) fil-każ ta’ persuni fiżiċi elenkati fl-Anness Ia, iġġustifikat għal raġunijiet ta' bżonn umanitarju urġenti, jew għal raġunijiet ta' attendenza għal laqgħat intergovernattivi u laqgħat promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, meta jsir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali; jew

(c) meħtieġ għat-twettiq ta’ proċess ġudizzjarju.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miktub bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu. Jekk Stat Membru jew il-Kummissjoni jqajmu oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jirċievu n-notifika, il-Kunsill, li jaġixxi b’maġġoranza kwalifikata, jista’ jiddeċiedi li jagħti l-awtorizzazzjoni proposta.

3. Awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu għandha tkun strettament limitata għall-iskop li tingħata għalih u għall-persuni fiżiċi direttament ikkonċernati minnha.”

(12) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Il-parteċipazzjoni, konsapevolment u intenzjonalment, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikoli 2 u 6a għandha tkun ipprojbita.”

(13) L-Artikolu 10, il-paragrafu 1, l-ittra (a) hija sostitwita b'dan li ġej:

“(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ddeżinjati elenkati fl-Anness I jew fl-Anness Ia;”

(14) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 5

(15) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 12a

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li:

(a) temenda l-Anness Ia abbażi ta’ deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill fir-rigward tal-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/XXX; u

(b) temenda l-Anness II abbażi tat-tagħrif mogħti mill-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1(a), inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat jekk l-indirizz ikun magħruf jew, jekk l-indirizz ma jkunx magħruf, tgħarraf id-deċiżjoni lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernati permezz tal-pubblikazzjoni ta’ avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u f’kull każ li tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. Meta jiġu ppreżentati osservazzjonijiet jew meta tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha fid-dawl tal-osservazzjonijiet jew l-evidenza ġdida ppreżentata u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, u b’riżultat ta’ hekk

tkun tista' temenda l-Anness Ia wara l-proċedura tal-għoti tas-setgħa fil-paragrafu 1(a). Il-persuna fiżika jew ġuridika għandha tiġi informata bl-eżitu tar-reviżjoni."

(16) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 13a

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-*data* personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament. Dawn il-kompiti jinkludu:

(a) it-tħejjija u l-emendar tal-Anness Ia;

(b) l-inklużjoni tal-kontenuti tal-Anness I u l-Anness Ia fil-lista kkonsolidata, elettronika, tal-persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni u fil-mappa interattiva dwar is-sanzjonijiet, li jkunu t-tnejn disponibbli għall-pubbliku;

(c) l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta' dan ir-Regolament bħall-valur tal-fondi ffriżati u informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni hija ddeżinjata bħala l-"kontrollur" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725[3] fir-rigward tal-attivitajiet tal-ipproċessar meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1."

(17) it-titolu tal-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Lista ta ' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2a"

(18) jiddaħħal l-Anness li ġej:

"ANNESS Ia

Lista ta ' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2b"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[3] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).